



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
[...] (2017) **XXX** draft

ANNEX 16

ANNEX

Anness tal-pajjiż

MALTA

(il-verżjoni Ingliża biss hija awtentika)

għar-

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

ippreżentat skont l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja

MALTA

Malta iddepożitat l-istrumenti tagħha tar-ratifika tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSKG) mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fit-28 ta' Ġunju 2013.

Id-dispożizzjonijiet nazzjonali kkunsidrati f'din il-valutazzjoni huma fil-biċċa l-kbira dawk ipprovduti permezz tal-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali [Fiscal Responsibility Act (FRA)] tat-8 ta' Awwissu 2014.

1. L-istatus legali tad-dispożizzjonijiet

Il-ġerarkija tan-normi legali f'Malta fiha l-Kostituzzjoni, l-Atti, u l-Avvizi Legali (leġiżlazzjoni sussidjarja). L-FRA huwa liġi ordinarja (l-Att) li tistabbilixxi l-qafas baġitarju. L-Artikolu 17 tal-FRA speċifikament jirrikjedi li l-att tal-baġit annwali jkun konsistenti mal-qafas u r-regoli fiskali stabbiliti fl-FRA.

L-Artikolu 65(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdwi *inter alia* li “Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, il-Parlament jista' jagħmel liġijiet għall-paċi, għall-ordni u għall-governanza tajba ta' Malta f'konformità mar-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, prinċipji ġenerali aċċettati tal-liġi internazzjonali u tal-obbligi internazzjonali u reġjonali ta' Malta...”. Ir-referenza fl-Artikolu 65 tal-Kostituzzjoni għall-“obbligi internazzjonali” (li għalhekk tinkludi t-TSKG) toħloq ir-rekwiżit li l-Atti kollha jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali ta' Malta.

Filwaqt li mhux speċifiku minħabba l-istatus ġerarkiku tiegħu fis-sistema legali Maltija li l-FRA jkollu peċedenza fuq Att dwar il-Baġit, l-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni ta' Malta joħloq *actio popularis* li jippermetti lil kull persuna tippreżenta rikors sabiex jiġi ddikjarat li kwalunkwe liġi hija invalida minħabba kontradizzjoni mal-Kostituzzjoni, li jippermetti li jiġi kkontestat Att dwar il-Baġit għal nuqqas ta' konformità mat-TSKG fuq il-bażi tal-Artikolu 65 tal-Kostituzzjoni.

F'dan il-kontest, id-dispożizzjonijiet ta' Malta jikkonformaw mal-kriterju li huma “ta' saħħa vinkolanti u ta' natura permanenti, preferibbilment kostituzzjonali, jew b'mod ieħor garantiti li jiġu rispettati u osservati b'mod sħiħ matul il-proċessi baġitarji nazzjonali”.

2. Regola ta' baġit ibbilanċjat

Formulazzjoni: Ir-regola ta' baġit bilanċjat hija fformulata fl-Artikoli 6, 7 u 8 tal-FRA.

Il-formulazzjoni tagħha ssegwi mill-qrib il-formulazzjoni tat-TSKG. L-Artikolu 6 jistipula l-għanijiet tal-politika fiskali, li, fost affarijiet oħra, huma li jinkiseb baġit ġenerali tal-gvern ibbilanċjat matul iċ-ċiklu ekonomiku. Dan l-għan tal-aħħar huwa tradott ulterjorment fir-regola baġitarja. Ir-regola tikkonsisti f'żewġ kundizzjonijiet: (i) il-kundizzjoni baġitarja u (ii) il-kundizzjoni tal-aġġustament tal-pjan (fuq dan tal-aħħar, ara l-konverġenza lejn l-OTM).

L-Artikolu 7 jispeċifika espliċitament li r-rekwiżiti marbuta mal-kundizzjoni baġitarja jirriżultaw mit-TSKG. Skont l-Artikolu 8(2) ir-regola hija sodisfatta jekk il-bilanċ strutturali annwali tal-gvern ġenerali jkun laħaq l-objettiv ta' terminu medju (OTM) tiegħu, jekk ma jkunx hemm ċirkustanzi eċċezzjonali u n-nuqqas li jintlaħaq l-OTM ma jipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu medju ta' żmien. L-OTM huwa ddefinit fl-Artikolu 2 b'referenza għar-Regolament (KE) Nru 1466/97, filwaqt li l-Artikolu 10 jistabbilixxi l-limiti għall-OTM konsistenti mat-TSKG. It-termini kollha użati huma definiti b'mod xieraq fl-

Artikolu 2(1), filwaqt li l-Artikolu 2(2) jispeċifika wkoll li t-termini kollha, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom l-istess tifsira bħal fit-TSKG.

Ir-rekwiżit speċifiku fl-Artikolu 7 huwa li “*Il-Gvern għandu jagħmel ħiltu biex jiżgura*” li r-rekwiżiti li jirriżultaw mir-regoli jiġu rispettati. Skont l-ispjegazzjonijiet imressqa mill-awtoritajiet, dik il-formulazzjoni toħloq obbligu li jiġu strettament rispettati r-regoli - interpretazzjoni konsistenti mat-TSKG - u mhux rekwiżit inqas strett biex “isir tentattiv li jiġu rispettati” ir-regoli, interpretazzjoni li tiftaħ lakuna fl-impenn li jiġu rispettati r-regoli. Dik il-formulazzjoni partikolari intgħażlet biex tipprovdni għal każijiet fejn huwa possibbli li wieħed jiddevja mir-regola ta’ baġit ibbilanċjat minħabba l-eżistenza ta’ “ċirkustanzi eċċezzjonali”.

Il-konverġenza lejn l-OTM: Il-kundizzjoni tal-aġġustament tal-pjan, stabbilita fl-Artikolu 8(4), hija sodisfatta jekk il-bilanċ strutturali annwali tal-gvern ġenerali jkun jikkonverġi lejn l-OTM f’konformità mal-qafas ta’ żmien stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 1466/97, sakemm ma jkunx hemm ċirkustanzi eċċezzjonali u n-nuqqas li jkun fuq it-triq tal-konverġenza ma jipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fuq perjodu medju ta’ żmien.

Klawsoli ta’ deroga: Iċ-ċirkustanzi eċċezzjonali huma definiti fl-Artikolu 2. Meta kkunsidrati flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8, il-klawsoli ta’ ħruġ huma definiti b’mod konsistenti mat-TSKG.

B’mod ġenerali, ir-regola ta’ baġit bilanċjat tikkonforma mar-rekwiżiti tat-TSKG. Filwaqt li l-formulazzjoni “*jagħmel ħiltu biex jiżgura*” (li r-rekwiżiti li jirriżultaw mir-regoli jiġu rispettati), setgħet introduċiet inċertezza dwar l-obbligu li jkunu strettament sodisfatti r-regoli, il-kjarifiki pprovduti mill-awtoritajiet jiżguraw il-konformità mat-TSKG.

3. Il-mekkaniżmu ta’ korrezzjoni

Id-dispożizzjonijiet dwar il-mekkaniżmu ta’ korrezzjoni jinsabu l-aktar fl-Artikolu 11 tar-Regolament FRA.

Attivazzjoni: L-Artikolu 11(1) tal-FRA jispeċifika li l-mekkaniżmu ta’ korrezzjoni jkun attivat b’mod awtomatiku jekk il-Kummissjoni tindirizza twissija lil Malta skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. L-Artikolu 11(1) jipprovdni wkoll li l-gvern jista’ jattiva wkoll il-mekkaniżmu ta’ korrezzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess jekk iquis li hemm nuqqas ta’ konformità li jissarraf f’devjazzjoni sinifikanti, bil-kunċett ta’ devjazzjoni sinifikanti jirreferi għar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Barra minn hekk, il-Kunsill Konsultattiv Fiskali huwa espliċitament inkarigat li jivvaluta l-eżistenza ta’ devjazzjonijiet sinifikanti, u l-gvern irid jieħu pożizzjoni *vis-à-vis* dawk il-valutazzjonijiet (l-Artikolu 13).

Sustanza tal-korrezzjoni: F’każ ta’ attivazzjoni, il-gvern għandu jipprepara u jippreżenta lill-Parlament fi żmien xahrejn, pjan ta’ korrezzjoni li jħares il-konformità mar-regola baġitarja (l-Artikolu 11(1)). Il-pjan għandu jstabbilixxi perjodu ta’ żmien għall-korrezzjoni, miri baġitarji annwali, u miżuri ta’ dħul u nfiq skont is-sub-setturi tal-gvern ġenerali (l-Artikolu 11(2)).

Ir-rekwiżiti għal pjan ta’ korrezzjoni jiffokaw fuq l-iżgurar tal-konformità mar-regoli u deċiżjonijiet tal-Unjoni. Id-dispożizzjonijiet jeħtieġu li l-pjan ta’ korrezzjoni jkun konsistenti mal-Patt ta’ Stabbiltà u Tkabbir u r-rakkomandazzjonijiet mingħand l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ibbażati fuqu (l-Artikolu 11(3)). Il-leġiżlazzjoni tirrikjedi wkoll li l-pjan ta’ korrezzjoni jkun konsistenti mal-programm ta’ stabbiltà attwali.

Il-karatteristika prinċipali tal-arranġament hi li jiffoka fuq il-konsistenza tal-mekkaniżmu nazzjonali b’rakkomandazzjonijiet tal-Unjoni. Il-leġiżlazzjoni ma fihex regoli ta’ korrezzjoni nazzjonali speċifiċi. L-obbligu li jiġu rispettati r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-

istituzzjonijiet tal-Unjoni huwa għalhekk il-mezz prinċipali biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżit tat-TSKG li jiġu kkoreġuti d-devjazzjonijiet “tul perijodu definit ta’ żmien” u bil-prinċipji komuni.

Fl-aħħar nett, il-Kunsill Konsultattiv Fiskali huwa espliċitament inkarigat bl-assessjar mill-inqas annwalment tal-implimentazzjoni tal-pjan ta’ korrezzjoni.

B’mod ġenerali: Il-mekkaniżmu ta’ korrezzjoni huwa konformi mar-rekwiżiti u l-prinċipji komuni tat-TSKG. Huwa jenfasizza l-konsistenza mal-qafas ta’ sorveljanza baġitarja tal-Unjoni, fejn l-attivazzjoni u s-sustanza ta’ korrezzjoni huma marbutin ma’ rakkomandazzjonijiet magħmula mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. M’hemm l-ebda dispożizzjoni nazzjonali speċifika dwar is-sustanza tal-korrezzjoni fil-leġiżlazzjoni. Il-Kunsill Konsultattiv Fiskali jingħata rwol sinifikanti fil-monitoraġġ tal-mekkaniżmu ta’ korrezzjoni.

4. L-istituzzjoni tal-monitoraġġ

L-istituzzjoni Maltija tal-monitoraġġ hija l-Kunsill Konsultattiv Fiskali (*Fiscal Advisory Council*, FAC).

Struttura u sistema legali: Il-FAC ġie stabbilit fuq il-bażi tal-Artikolu 42 tal-FRA u l-membri tiegħu inħatru f’Jannar 2015. L-għan ewlieni tal-FAC huwa li tiġi vvalutata l-effettività tal-politiki ekonomiċi u fiskali tal-gvern. Il-FAC huwa magħmul minn tliet membri, inkluż il-President, meġġuna f’xogħolhom minn uffiċċju.

Mandat: Il-mandat tal-FAC jinkludi l-kompiti previsti mill-Patt Fiskali u l-prinċipji komuni, jiġifieri l-ġoti ta’ valutazzjonijiet dwar l-okkorrenza ta’ ċirkustanzi li jesigū l-attivazzjoni tal-mekkaniżmu ta’ korrezzjoni assoċjati mar-regola tal-baġit ibbilanċjat strutturat, dwar jekk il-korrezzjoni hijiex qed tipproċedi skont il-pjan, u jekk jeżistux ċirkustanzi eċċezzjonali jew jekk ma baqgħux jeżistu (l-Artikolu 13(2) tar-Regolament tal-FRA). B’mod aktar ġenerali, il-FAC huwa responsabbli mill-kompitu ta’ monitoraġġ tar-rispett tar-regoli fiskali u għandu d-dritt li joħroġ rakkomandazzjonijiet għall-gvern għal dak l-għan. Il-FAC huwa responsabbli wkoll biex jivvaluta u japprova t-tbassir makroekonomiku u baġitarju mħejji mill-Ministeru tal-Finanzi.

Il-prinċipju “ikkonforma jew iġġustifika”: Il-FRA jobbliga lill-gvern jikkunsidra l-opinjoni u r-rakkomandazzjonijiet tal-FAC meta jħejji u japprova l-istrateġija fiskali u l-baġit annwali tiegħu. Jekk il-gvern jagħżel li ma jimxix mar-rakkomandazzjoni tal-FAC, il-Ministru tal-Finanzi huwa obligat bil-liġi li jippreżenta lill-Parlament ir-raġunijiet għal dan fi żmien xahrejn wara l-ħruġ tar-rakkomandazzjoni (l-Artikolu 13(6–7)).

Libertà mill-interferenza u l-kapaċità tal-komunikazzjoni: Skont il-FRA, il-membri tal-FAC huma indipendenti fil-qadi ta’ dmirijiethom. Il-FRA ma jippermettix b’mod espliċitu lill-membri tal-Kunsill li jirċievu istruzzjonijiet minn kwalunkwe istituzzjoni. Il-FRA jobbliga lill-FAC jagħmel il-valutazzjonijiet tiegħu pubbliċi u jxerridhom b’mod li jqis xieraq. L-evalwazzjonijiet tal-FAC huma disponibbli fuq is-sit web tiegħu¹.

Proċedura għan-nomina: Il-membri tal-FAC jinħatru u jitneħħew mill-Ministru tal-Finanzi, li jaħtar ukoll il-President tal-FAC. L-approvazzjoni tal-Parlament hija meħtieġa fil-każ ta’ tkeċċija ta’ membru. L-FRA jelenka r-raġunijiet li ġejjin għat-tkeċċija: problemi ta’ saħħa, evidenza ta’ mġiba ħażina u kunflitt ta’ interess. Il-mandat tal-membri, idum bejn erba’ snin u jista’ jiġġedded iżda darba biss b’mod konsekuttiv. Il-kariga ta’ membru tal-FAC ma tistax

¹ <https://mfac.gov.mt/>

tiġi kkombinata ma' dik ta' membru tal-Parlament Malti jew tal-Parlament Ewropew. Il-liġi tirrikjedi li l-membri jkollhom kompetenza u esperjenza fil-kummerç domestiku u internazzjonali dwar kwistjonijiet makroekonomiçi u fiskali.

Riżorsi u aċċess għall-informazzjoni: Il-FAC huwa ffinanzjat mill-baġit tal-Istat. Il-baġit tal-FAC għall-ewwel sena sħiħa tal-operat tiegħu kien jammonta għal EUR 250 000. Il-FAC huwa appoġġjat minn uffiċċju magħmul minn impjegati li n-numru tagħhom huwa determinat mill-FAC innifsu (bħalissa ħames impjegati). Il-FAC huwa intitolat li jitlob kull informazzjoni neċessarja biex iwettaq il-mandat tiegħu minn kull entità pubblika.

B'mod ġenerali, l-istabbiliment ta' istituzzjoni ta' monitoraġġ Maltija hija konformi mar-rekwiżiti u l-prinċipji komuni tat-TSKG. Skont il-FRA, il-FAC huwa mogħni b'awtonomija funzjonali. Il-mandat tiegħu jinkludi l-kompiti stabbiliti mit-TSKG u l-prinċipji komuni. Il-prinċipju ta' "konformità jew spjegazzjoni" huwa espliċitament previst fil-liġi. Dispożizzjonijiet adegwati dwar l-ġhoti ta' riżorsi u aċċess għall-informazzjoni lill-FAC huma f' posthom.

5. Konklużjoni

Id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati minn Malta huma konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tat-TSKG u fil-prinċipji komuni.